**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-21 ta' Gunju, 2019**

**Talba Numru: 228/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 35**

**Nicolette Mahoney ( K.I.594763M) pro et noe**

**82, Casa Colette,**

**Triq Santa Monika,**

**Guardamangia.**

**Vs**

**Health Plaza Limited (C38074)**

**Scerri Buildings**

**Triq il-Kappillan Mifsud,**

**Hamrun**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat fil-21 ta' Mejju, 2018 li permezz tieghu l-attrici pro et noe talbet il-hlas minghand is-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' elfejn u tmienja u disghin ewro u tnejn u tletin centezmu (€2,098.32c) rapprezentanti hlas ghal prestazzjonijiet professjonali moghtija minn Mahoney & Co lis-socjeta' intimata abbazi l-istatement anness kif ukoll mill-fatturi kollha relattivi li ntbaghtu kemm-il darba flimkien anke ma korrispondenza legali; li minkejja diversi interpellazzjonijiet anke permezz ta' ittra ufficjali tal-05 ta' Jannar, 2018 bin-numru 11/2018 is-socjeta' intimata baqghet ma hallsitx il-bilanc kif mitlub u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

Illi fir-risposta taghha s-socjeta' intimat eccepiet li l-hlas mitlub ma huwiex dovut minhabba li x-xoghol li sar ma sarx skont il-professjoni mitluba u kif ukoll is-socjeta' attrici kienet negligenti fix-xoghol taghha. Minhabba dan in-nuqqas is-socjeta' konvenuta wehlet multi mill-awtoritajiet kompetenti talli dahlet dokumenti tard mal-MFSA; minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni s-socjeta' konvenuta ghamlet xi hlasijiet u s-socjeta' attrici harget invoices doppji fuq kumpaniji differenti tal-konvenuti.

A fol 48 Stephen Caruana xehed li huwa accountant u kien impjegat ghal diversi snin mal-accountancy firm bl-isem ta' Mahoney & Co u li huwa kien inkarigat fuq ix-xoghol tal-awditjar ta' Health Plaza Limited ghas-sena 2014. Huwa kien jiddilja ma' Keith Scerri mis-socjeta' konvenuta. Keith Scerri kien idum perjodi twal biex jghaddilna l-informazzjoni li kien ikollhom bzonn, sew biex nibdew nahdmu fuq l-audits kif ukoll matul il-perjodi li jkunu qed jahdmu fuq l-awditjar tal-kumpaniji tieghu inkluz dik konvenuta. Scerri kien johloq ukoll *billing disputes* u kien idum biex ihallas. Gara li huwa f'Awwissu, 2015 kellu incident serju f'sieqū u ma setax jahdem fuq ix-xoghol tas-socjeta' konvenuta u meta rkupra u kellu l-ewwel tarbija feggew problemi personali elatati mas-sahha tat-tarbija u ma setghax jahdem. Fi Frar, 2016 Nicolette Mahoney kienet infurmatu li David Pace Accountant u awditur kien se jiehu hsieb x-xoghol ta' auditing tas-socjeta' konvenuta tas-sena 2014.

A fol 18 Nicolette Mahoney xehdet Ii hija mart Kevin Mahoney li kellu *accountancy firm* bl-isem ta' Mahoney & Co. zewgha marad bil-kancer f'Lulju, 2014 u miet f'Novembru 2015. Zewgha permezz tad-ditta Mahoney & Co kien jirrendi servizzi lil l-kumpaniji tal-familja Scerri fosthom is-socjeta' konvenuta. Fil-15 ta' Gunju, 2017 zewgha kien informa lil Keith Scerri tas-socjeta' konvenuta bid-decizjoni li jittrasferixxi l-klijentela tieghu lid-

ditta ta' awdituri ohra permezz ta' email. Saru xi laqghat u Keith Scerri ddecieda li jmur ghand haddiehor u talab li x-xoghol tal-awditjar pendent jigi finalizzat minn Mahoney & Co. tqabbad Stephen Caruana minn l-istess ditta biex jaghmel dan izda wegga siequ u kellu jieqaf mix-xoghol ghal xi zmien. Caruana kellu wkoll problemi ta' sahha bit-tarbija tieghu u ma setax ikompli jiehu hsieb ix-xoghol tas-socjeta' konvenuta u hija immedjatament ingaggat lil David Pace bhala accountant u awditur biex jaghmel dan. Hija baqghet tirsisti ma' Keith Scerri biex jaqta' d-dejn fuq xogholijiet diversi tal-passat li kellu jaghtihom u li baqghu pendenti sakemm fl-04 ta' April, 2016 Keith Scerri hallas dan id-dejn izda ma hallasx il-50% li kienet talbitu bhala mizata ghax-xoghol tal-awditjar tas-sena 2014. Hija tghid li David Pace kien baghat il-*financial statements* ta' Health Plaza Limited tas-sena 2014 lill-Keith Scerri sabiex il-Bord tad-Diretturi jkun jista janalizza dna ix-xoghol u japprovah. U fil-fatt il-*financial statements* kienu sottomessi lil MFSA fit-02 ta' Gunju, 2016. Hija baghatet il-kont lis-socjeta' konvenuta ghal dan ix-xoghol permezz ta' email fit-28 ta' April, 2017 u anke bil-posta registrata.

Hija tispjega li meta nhargu invoices doppji dan kien zball uman u genwin. Hija tghid li zewgha dejjem ghamel xoghol b'diligenza u professjonalita' u kien anke gie premjat ghal dan mill-Malta Institute of Accountants.

A fol 42 David Pace kkonferma bil-gurament li l-*audited financial statements* ghs-sena finanzjarja li ghalqet fit-30 ta' April, 2013 kienu lesti fil-hin u cioe' qabel is-submission deadline. Dawn gew approvati u ffirmati mill-Bord tad-Diretturi fis-27 ta' Frar, 2014 u sottomessi lir-Registry of Company tal-MFSA fil-11 ta' Marzu, 2014 qabel is-submission deadline.

L-*audited financial statements* ghas-sena finanzjarja li ghalqet fit-30 ta' April, 2014 Pace jghid li dawn kienu lesti f'Gunju, 2016 u gew approvati mill-Bord tad-Diretturi f'Gunju 2016 *back dated* ghat-30 ta' Lulju, 2015. Huwa xehed li lil Keith Scerri tas-socjeta' konvenuta kien wissih li huwa kiteb lir-Registratur tas-Socjetajiet u lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jinhafru l-multi u l-*additional tax.*

Illi Keith Scerri xehed a fol 52 li huwa wiehed mid-Diretturi tal-kumpanija konvenuta li kienet hatret lil Kevin Mahoney permezz ta' Mahoney and Co biex jaghmel l-*Audit Accounts* tal-kumpanija *Year Ending 30th April, 2014* kif ukoll it-*Tax Computation u Year Assessment 2015*. Illi huwa jghid li s-socjeta' konvenuta ma hallsitx l-ammont mitlub

minhabba d-dewmien li dam biex tlesta dan ix-xoghol tant li l-kumpanija kellha thallas il-multi mal-MFSA u taxxa addizzjonali fuq it-taxxa minhabba li thallset it-taxxa tard. Huwa jghid li dan id-dewmien li dam biex jitlesta x-xoghol juri nuqqas ta’ professjonalita’ u negligenza mill-kumpanija Mahoney & Co.

Mid-dokumenti esebiti mis-socjeta’ konvenuta a fol 53 et l-ammont totali ta’ multi u *additional tax* jammontaw komplessivament ghal seba’ mija erbgha u tletin ewro u hamsin centezmu (€734.50c).

Essenzjalment, il-kwistjoni involuta f’din il-kawza hi jekk ghandhiex ragun is-socjeta` konvenuta biex tirrezisti t-talba ghall-hlasijiet professjonali pretizi mill-attrici pro et noe minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservazzjoni tal-etika professjonali tieghu.

Jibda biex jigi osservat illi r-rapport professjonali jippostula l-konferiment ta’ inkarigu relattiv. Dan ir-rapport huwa inerenti ghall-istitut tal-mandat (Kollez. Vol. XLI P I p 572). Li jfisser li l-inkarigu konferit lill-professjonista jimplika fil-mandatarju l-poter li jaghmel dak kollu li hu mehtieg ghall-ezekuzzjoni tal-inkarigu li jkun ircieva (Ara Kollez. Vol. XXIX P II p 968); inoltre kullhadd iwiegeb ghall-hsara kkagunata htija tieghu (Art.1031 Kap.16). Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta’ missier tajjeb tal- familja (Art 1032(1) tal-Kap.16).

F'kawzi ghar-rizarciment tad-danni jinkombi fuq min jallega din il-hsara l-oneru li jressaq provi attendibbli sal-grad rikjest bil-Ligi li din il-hsara giet ikkagunata b'fatt jew ommissjoni htija tal-parti l-ohra. Irid jigi pruvat b'mod soddisfacenti li l-professjonista mhux biss ha zball, ammenoke' dan ma jkunx grossolan, imma ma uzax id-diligenza li trid il-Ligi - (ara "Victor Savona p et noe v. Dr.Peter Asphar et." - A.C. dec.2 ta' April 1951") - cioe' d-diligenza tal-*bonus pater familias*.

Applikati dawn il-principji jigi osservat li mill-assjem tal-provi ma jirrizultax li x-xoghol effettwat mid-ditta attrici fil-preparazzjoni tal-*audited accounts* ma sarx b'mod professjonali izda li dawk tas-sena finanzjarja li ghalqet fit-30 ta’ April, 2014 biss saru tardivament u li skont l-attrici noe dan gara minhabba li Kevin Mahoney marad b’marda terminali li waslet ghal mewt tieghu.

Ikkonsidra li ma hemm ebda kontestazzjoni dwar l-ammonti mitluba mill-attrici noe da parti tas-socjeta' konvenuta; ikkonsidra li s-socjeta' konvenuta kellha thallas multi u *additional tax* fl-ammont komplessiv ta' seba' mija u erbgha u tletin ewro u hamsin centezmu (€734.50c) izda minn fol 53 jirrizulta li s-somma ta' mija u erba' u disghin ewro u hamsin centezmu (€194.50c) tirrigwarda arretrati rigwardanti A236645 u mhux rigwardanti C38074 li huwa n-number tas-socjeta' konvenuta u ghalhekk ma tahti xejn taghhom l-attrici pro et noe.

Illi ghalhekk hija l-fehma ta' dan it-Tribunal li tali multi u *additional tax* limitatament fl-ammont ta' hames mija u erbghin ewro (€540) biss li ma ghandhiex tbatihom is-socjeta' konvenuta. Veru li attrici noe tikkontendi li David Pace kien qal lis-socjeta' konvenuta li huwa kien ser jirranga mal-MFSA biex jinhafrulhom il-multi; kif inhuwa veru li David Pace a fol 22 fl-affidavit tieghu jghid li huwa kiteb lir-Registratur tal-Kumpaniji u lil tat-Taxxa jitlob li jinhafru l-multi u t-taxxa addizzjonali izda mill-pagamenti li saru jirrizulta li tali talba ma gietx milqugha.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-attrici noe limitatament fis-somma ta' elf hames mija u tmienja u hamsin ewro u tnejn u tletin centezmu (€1,558.32c) u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici noe is-somma ta' elf hames mija u tmienja u hamsin ewro u tnejn u tletin centezmu (€1,558.32c) bl-imghaxijiet kummercjali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez a karigu tas-socjeta konvenuta.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikant**